# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2021

## INDIRIZZ TAĊ-CHAIRMAN

Dr Gordon Cordina

BOV

Bank of Valletta

Għaddew madwar sitt xhur minn meta indirizzajtkom l-aħħar waqt Laqgħa Ġenerali Annwali. Tul ta' żmien relattivament qasir, iżda mhux nieqes minn avvenimenti sinifikanti għall-Bank tagħna.

Il-pandemija COVID-19 kompliet tħalli impatt fuqna iktar milli stennejna fil-bidu. Madanakollu aħna kburin li żammejna sodi mal-impenn tagħna sabiex nibqgħu noffru s-servizzi lill-klijenti waqt li nkomplu nsostnu l-attività ekonomika f'dawn iż-żminijiet partikolarment diffiċli. L-ewwel prijorità tagħna kienet lejn is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati u l-klijenti tagħna. Madankollu xorta sfajna milquta minn din il-pandemija b'diversi modi, f'punt partikolari, bl-aktar mod estrem. Aħna nibqgħu qrib il-familja u l-ħbieb tal-kollega tagħna li tlifna minħabba l-pandemija, u oħrajn li ntlaqtu b'mod permanenti mill-pandemija.

Il-Bank kompla jsaħħaħ l-isforzi tiegħu biex jipproteġi lilu nnifsu u lis-soċjetà Maltija kontra l-kriminalità finanzjarja. Din hija tabilħaqq prijorità nazzjonali biex issostni l-attività tas-servizzi finanzjarji fl-ekonomija tagħna, fejn l-isforzi sostanzjali li saru u li għadhom għaddejjin huma mistennija li jiksbu riżultati importanti. Riflessjoni ta' dan huwa s-suċċess li kiseb il-Bank biex isostni l-korrispondenza fid-dollaru Amerikan.

Kif diġà indikajt fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' qabel din, jeħtieġ aktar sagrifiċċju min-naħa tal-azzjonisti sabiex inkomplu nwittu t-triq għal pagament ta' dividend stabbli. Punt importanti iżda mhux bilfors essenzjali għal dan huwa li nsolvu l-każ ta' litigazzjoni fl-Italja, li fir-rigward tiegħu, il-Bank ikompli jsostni l-pożizzjoni legali b'saħħitha tiegħu u l-offerta tiegħu lejn konklużjoni ġusta u fl-inqas żmien possibli. Bżonn ieħor, forsi iktar importanti wkoll, huwa li nerġgħu lura għal livelli ta' profittabilità aktar b'saħħithom u sostnuti, li qed inħarsu lejhom hekk kif terġa' tikkarga l-attività ekonomika, u speċjalment hekk kif nibdew naraw il-frott tal-istrateġija ta' trasformazzjoni li l-Bank nieda fl-aħħar xhur. Ir-riżultat ta' dan se jkunu servizzi ħafna iktar moderni lill-klijenti tal-Bank filwaqt li jtejjeb l-effettività tal-ispejjeż ta' kif inwasslu s-servizzi tagħna lill-klijenti. Dan huwa l-pedament li fuqu huwa bbażat l-investiment fit-tul tiegħek fil-Bank. Il-Bord jappoġġja bis-sħiħ u għandu kunfidenza fil-kapaċitajiet tat-tim eżekuttiv, taħt it-tmexxija tal-Kap Eżekuttiv tagħna, biex iwettaq il-miri ambizzjużi ta' din l-istrateġija.

Filwaqt li nagħmlu ħilitna u nħarsu 'l quddiem lejn futur aħjar, qegħdin ukoll inniedu numru ta' inizjattivi li permezz tagħhom, il-Bank se jkun qed joffri valur aħjar lill-azzjonisti tiegħu. Nispera li dawn iservu bħala xhieda tar-rieda tajba tagħna biex nipprovdu l-aħjar servizz possibbli lill-komunità tal-azzjonisti tagħna.

## NGĦADDU ISSA GĦAL AĠĠORNAMENT DWAR L-EKONOMIJA

Matul is-sena, rajna tnaqqis bla preċedent fil-Prodott Gross Domestiku, li kien ta' 7% f'termini reali. L-aktar setturi li ntlaqtu ħażin kienu, bla ebda sorpriża, dawk l-aktar dipendenti fuq it-turiżmu lejn pajjiżna u attivitajiet mhux essenzjali tal-bejgħ bl-imnut.

L-iktar setturi vulnerabbli kollettivament raw tnaqqis fil-produzzjoni tagħhom ta' madwar 23% fl-attività tagħhom. Dawn is-setturi vulnerabbli huma fost l-iktar setturi importanti għall-Bank f'termini tal-portafoll tagħna ta' self ta' krediti li jammonta għal aktar minn terz tas-self tal-Bank lil klijenti tan-negozju fl-aħħar tal-2020.

Sadattant, il-Bank qiegħed, b'mod mill-iktar prudenti, iżid il-proviżjonament ħalli jkun kopert f'każ ta' eventwalitajiet negattivi.

Madankollu, kollox ma' kollox, l-ekonomija Maltija wriet reżiljenza notevoli għax-xokk li ġabet magħha l-pandemija, anke minħabba l-iskemi ta' appoġġ imnedija mill-Gvern li fihom il-Bank of Valletta kellu rwol ċentrali. Il-portafoll tal-kreditu tal-Bank ukoll mhux qed ikollu impatti tant negattivi minn dan l-avveniment. Minkejja dan, huwa kruċjali li l-attività ekonomika terġa' lura għat-tkabbir fix-xhur li ġejjin sabiex jiġu evitati xokkijiet oħrajn.

Filwaqt li nemmnu li llum qegħdin eqreb lejn it-tmiem tal-pandemija milli ttamajna li nkunu fl-istess żmien is-sena l-oħra, jibqa' l-fatt li t-triq għall-irkupru ekonomiku għal ċerti setturi tan-negozju għadha fil-bidu taghha.
L-integrità tan-negozji kif ukoll tal-familji tibqa' waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti bħalissa. Madankollu, dawn iż-żminijiet qed jipprovdulna opportunità tajba ħafna sabiex nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-metodi tal-operat tagħna u nivvalutaw mill-ġdid il-mudelli tan-negozju u l-istrateġiji operattivi tagħna, sabiex niżguraw li ladarba l-pandemija tkun għaddiet, aħna nkunu ppreparati bl-aħjar mod għad-dinja ta' wara l-COVID-19.

## INĦARSU ISSA LEJN IL-PRESTAZZJONI FINANZJARJA TAL-GRUPP BOV

Matul l-2020, il-prestazzjoni finanzjarja tal-Bank sfat milquta b'mod l-aktar ċar mill-pandemija. Il-Bank irreġistra qligħ qabel it-taxxa ta' €15.2 miljun, xprunat minn tnaqqis fid-dħul nett mill-imgħax; tnaqqis ta' dħul minn negozju tal-kards; iż-żieda netta fl-impairment charges u self li ma jrendix; u żieda fl-ispejjeż tal-operat attribwibbli l-aktar għall-introduzzjoni ta' skema ta' rtirar kmieni, investimenti fil-ħiliet tal-impjegati kif ukoll id-deprezzament fuq is-sistema bankarja ewlenija tal-IT ġdida tagħna.

Bħala riżultat, id-dħul fuq l-ekwità (Return on Equity) wara t-taxxa naqas minn 6.2% fl-2019 għal 1.3% fl-2020. Filwaqt li dan huwa tnaqqis sinifikanti minn sena għal sena, huwa konformi ma' dak tal-banek ewlenin f'Malta, li sa llum ippubblikaw ir-riżultati tagħhom tal-2020, u aktar għoli minn dak tal-banek Ewropej tal-livell tagħna.

Matul l-ewwel tliet xhur tal-2021, ir-riżultati finanzjarji tal-Bank kienu simili ħafna għal dawk tas-sena li għaddiet. Meta nħarsu 'l-quddiem, tibqa' ħafna l-inċertezza, u l-veloċità li biha jirkupraw l-ekonomiji se tiddetta kemm il-prestazzjoni tal-Bank se ddum biex terġa' lura għax-xejriet tal-passat.

Nerġa' ntenni - nemmen li l-Bank tagħna, li huwa l-akbar Bank fil-pajjiż, għandu l-potenzjal li jagħti redditi aħjar fuq medda itwal ta' żmien. F'dawn iż-żminijiet, fejn għad għandna għadd ta' sfidi quddiemna, ninsab sodisfatt li l-Bank of Valletta baqa' profittabbli, likwidu u kapitalizzat b'mod qawwi, filwaqt li kompla jinvesti fil-kapital teknoloġiku u dak uman.

It-twettiq b'suċċess tal-istrateġija tal-Bank se tkun fattur ewlieni għal dan. Id-diġitizzazzjoni tal-proċessi, l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-karta tal-bilanċ tagħna u t-titjib fl-esperjenza tal-klijent huma essenzjali biex niġġeneraw profittabilità fit-tul.

Minn perspettiva aktar immedjata, ix-xenarju persistenti ta' rati ta' imgħax baxxi qed ikunu ta' sfida għall-mudelli tan-negozju bankarju mad-dinja kollha, u l-vijabilità tas-servizzi bankarji b'hekk se tiddependi dejjem aktar fuq tariffi u miżati. Bħala l-akbar Bank f'Malta, aħna impenjati li nkunu l-mexxejja tal-industrija tagħna u nieħdu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex nissalvagwardjaw il-vijabilità tal-industrija għall-benefiċċju reċiproku tal-klijenti, l-azzjonisti, l-impjegati tagħna u l-ekonomija lokali inġenerali.

Meta nħarsu 'l quddiem, il-Bank huwa mpenjat li jnaqqas il-livell ta' sussidjar ta' ċertu servizzi tiegħu permezz ta' servizzi oħrajn u jimpenja ruħu li jintroduċi struttura ta' tariffi li tirrifletti l-ispejjeż sottostanti fuq servizzi partikolari. Fl-istess ħin, il-Bank jintrabat li joffri alternattivi diġitali, li ħafna drabi huma soluzzjonijiet irħas, aktar siguri u aktar effiċjenti għall-klijenti tagħna.

Il-Bank dalwaqt se jintroduċi Charter tal-klijenti li se jirregola l-introduzzjoni u r-reviżjoni tal-ħlasijiet u miżati. Iċ-Charter se jiżgura li dawn il-ħlasijiet u charges tal-Bank huma konformi ma' numru ta' prinċipji stabbiliti, li jinkludu s-salvagwardja ta' klijenti vulnerabbli, l-effettività ta' tariffi speċifiċi, u jekk it-tariffa proposta hijiex konformi mal-għanijiet oħra tal-Bank. Dan iċ-Charter se jkun ukoll qed iħares lejn kif l-introduzzjoni ta' charges ġodda tkun ikkomunikata lill-partijiet interessati kollha biex jiġi żgurat li dawn jifhimhom sew kulħadd.

B'hekk il-Bank mhux biss isostni l-qligħ tiegħu, imma fuq kollox se jkun qed iressaq lill-klijenti tiegħu esperjenzi ta' servizzi mtejba u aktar effettivi.

## KELMTEJN DWAR ID-DIVIDEND

Kif diġà spjegajna f'komunikazzjonijiet oħra fil-passat, ir-regolaturi mhumiex qed jirrakkomandaw id-distribuzzjoni tad-dividendi għalissa, sabiex jiġi żgurat li l-Bank ikun qiegħed f'pożizzjoni tajba biex jissodisfa d-domanda għolja fuq il-kapital u jappoġġja l-ekonomija lokali sa tmiem il-pandemija. Il-Bank għandu l-għan li jerġa' jibda jħallas id-dividendi ladarba l-inċertezzi li ninsabu fihom minħabba l-pandemija u l-każ Deiulemar jiġu solvuti u l-profittabilità sostenibbli tiġi żgurata permezz tal-implimentazzjoni tat-trasformazzjoni.

## BIEX NAGĦLAQ

Nixtieq nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom lejn il-Bank. Is-sagrifiċċji tagħkom, flimkien mad-dedikazzjoni u x-xogħol iebes tal-impjegati tal-Bank, it-Tim Eżekuttiv u l-Bord, qed jiżguraw li l-Bank of Valletta wasal f'punt fil-mixja tiegħu 'l quddiem u jittrasforma lilu nnifsu. Flimkien, se naslu sabiex il-Bank ikun lest għall-isfidi li se jsib quddiemu tul is-snin li ġejjin.

Nirringrazzjakom u issa nintroduċi lil Kap Eżekuttiv tagħna, is-Sur Rick Hunkin sabiex jagħmel l-indirizz tiegħu.

**Dr. Gordon Cordina**
**Chairman**
**20 ta' Mejju 2021**

Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130
Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju u s-servizzi ta' investiment f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta) u tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370 tal-Liġijiet ta' Malta).